MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1345/2005

**RCS Media Productions Limited (C-29976)
Vs
American Bistro Limited (C-27650)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' sitt mija u tlettax-il lira u sittin centezmu (Lm613.60), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi resi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjes u l-interessi mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta' konvenuta;
Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet li l-ammont mitlub mhux dovut u dan peress li s-socjeta' attrici naqset milli tottempera ruhha ma' l-obbligi minnha assunti a favur is-socjeta' konvenuta;

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici li biha pprezentat nota ta’ riduzzjoni li biha t-talba giet ridotta ghal hames mija u tlettax-il lira u sittin centezmu (Lm513.60) stante li sar pagament fil-mori tal-kawza;

Ra x-xhieda ta’ Ray Calleja li huwa direttur tas-socjeta’ attrici. Huwa jghid li s-*sales executive* tas-socjeta’ attrici kellem lil Adrian Bajjada tas-socjeta’ konvenuta u ffirmaw kuntratt fit-2 ta’ Ottubru, 2004 li permezz tieghu is-socjeta’ konvenuta kellha tippartecipa ghal 21 gimgha fil-programm “Ghandi Pjacir,” u dan mill-4 ta’ Jannar, 2005 sal-24 ta’ Mejju, 2005. Din il-partecipazzjoni kellha tkun ta’ ghoxrin minuta, li kienet tinkludi ukoll *caption* ta’ hames sekondi wara l-intervent ta’ Bajada li tghid li kien sponsorizzat mir-restaurant tieghu u riklam iehor fit-tieni break;

L-ammont kien ta’ elf tlett mija hamsa u sittin lira Maltin (Lm1365);

Fl-istess programm Bajjada kien qed jaghti zewg vouchers ghal ikla b’xejn. Ir-rata kienet ta’ Lm100 l-wahda. Ix-xhud jispjega li s-socjeta’ konvenuta kienet naqset li thallas id-depozitu ta’ tlett mija tlieta u ghoxrin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm323.21);

Bajjada kien deher biss sat-23 ta’ Frar, 2005 u wara infurmahom li ma kienx ser jidher fil-programm ta’ 1 u 2 ta’ Marzu, 2005;

Eventwalment, peress li ma hadu l-ebda risposta minn ghandu kienu waqfu l-programm u ma kienux zammewlu “*cancellation fee*.” Zammewlu biss ta’ seba’ gimghat. Meta mbaghad hadu passi legali kienu baghtu mitt Lira (Lm100) u ssussegwentement talab li jhallas mitt lira (Lm100) fix-xahar u talab skont peress li l-programm ma kienx lahaq l-aspettativi tieghu;

Ra x-xhieda ta’ Adrian Bajjada li huwa impjegat mas-socjeta’ konvenuta bhala chef. Is-socjeta’ kienet tal-genituri tieghu. Ix-xhud jikkonferma li kien iffirma l-kuntratt

mas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta tirriklama fuq il-programm “Ghandi Pjacir” ghal b’kollox 21 riklam;

Il-kuntratt gie ffirmat fit-8 ta’ Ottubru, 2004 u fih hemm indikat li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset is-somma ta’ tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghatax-il centezmu (Lm322.14), pero’ ma setghax jiftakar jekk kienx thallas dan id-depozitu jew le;

Mat-tieni darba li kien mar, ix-xhud ighid li hass li r-riklami ma kienux effettivi u ghalhekk ma kienx ser ikompli jattendi u b’dan kien informa lis-socjeta’ attrici. Kien ukoll tkellem ma’ Ray Calleja li talbu li jkompli ghaliex ma kellux b’xiex jimla’ l-programm. Ghalhekk Bajjada jikkonferma li kien accetta li jattendi tlett programmi ohra u dan sakemm isib lil haddiehor;

Ix-xhud jichad li kien infurmah li ma riedx jattendi aktar fil-11 ta’ Jannar, 2005 u mhix fit-23 ta’ Frar, 2005 kif kien qal Ray Calleja;

Jichad ukoll li ma riedx jattendi fl-1 u 2 ta’ Marzu, 2005 ghaliex hu kien suppost jattendi darba f’gimgha. Jichad ukoll li s-socjeta’ attrici ppruvat tikkomunika mieghu il-hanut jew id-dar;

Ix-xhud jispjega li hu kien ilu zmien twil jahdem kuntratti mas-socjeta’ attrici, izda f’dak iz-zmien kienu jirriklamaw mal-Max Plus, meta mbaghad ghaddew ma’ TVM ighid li ma kienx soddisfatt bil-mod kif kien qed jigi riklamat ir-restaurant Mustang American Bistro;

Ighid li kienet saret hafna insistenza u pressjoni fuqu sabiex jattendi ghal aktar programmi u b’kollox kien ghamel tmienja. Izda hu qed jinsisti li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas ta’ erba programmi biss u dan ghaliex l-erba’ l-ohra gie kostrett jaghmilhom.

Jikkonferma li kien hemm ittra mibghuta u ffirmata minn missieru fejn kien qed jigi propost li jhallsu mitt Lira (Lm100) fix-xahar u fil-fatt kien sar l-ewwel pagament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Mill-provi migjuba quddiemu jirrizulta li kien hemm kuntratt bejn il-partijiet miftiehmin ghal slot tat-tisjir, flimkien mar-riklamar tar-restaurant, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta;

Il-ftehim originali kien jirrikjedi 21 presentazzjoni, izda mar-raba' programm kien diga' jidher li kien hemm problemi, fis-sens li s-socjeta' konvenuta ma kienitx soddisfatta bil-mod kif kien qed jigi reklamat ir-restaurant taghhom u ghalhekk hadu d-decizjoni li ma jkomplux aktar fis-slots li kien fadlilhom;

L-istess ftehim jikkontempla li jekk kemm il-darba jkun hemm "cancellation" barra l-kontroll tas-socjeta' attrici, hi ma kellhiex tbati ghal l-istess kancellament

***"4. RCS Media Productions Ltd. will not be liable for cancellations***
***beyond its control. "***

F'dan il-kaz, fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' attrici naqset li tirribatti dak li sostniet is-socjeta' konvenuta, fis-sens li l-programm ma rreklamax ir-restaurant gestit mis-socjeta' konvenuta b'mod soddisfacenti, tant li kellha tiehu d-decizjoni li tinterrompi l-participazzjoni taghha;

Is-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova, ta' kif huma rreklamaw in-negozju tas-socjeta' konvenuta kif suppost, u cioe' li kien qed jappella ghal pubbliku Malti u Ghawdxi u ghalhekk it-Tribunal ihoss li d-decizjoni tas-socjeta' konvenuta li twaqqaf il-participazzjoni taghha fil-programm minhabba li ma kienx qed ikun respons bhala wahda plawsibbli u gustifikata;

Jidher ukoll li is-socjeta' attrici ma ikkontestatx dan lis-socjeta' konvenuta u li kieku is-socjeta' konvenuta kellha xi interess ulterjuri ma kienitx tibda taghmel pagamenti fuq il-kont mibghut mis-socjeta' attrici;

Jibqa' biss jigi determinat minn dan it-Tribunal jekk is-socjeta' attrici ghandhiex tithallas ta' l-ahhar erba programmi li saru fix-xahar ta' Frar, 2005 u cioe' jekk hux dovut total ghal tmien programmi jew ghal erba' biss;

Is-socjeta' konvenuta tinsisti li accettat li taghmel erba' programmi, izda mbaghad kienet hadet id-decizjoni li ma tkomplix u kien biss fuq l-insistenza tas-socjeta' attrici li ma kellhiex minn jiehu l-post tas-socjeta' konvenuta, li ddecidiet li taghmel b'kollox erba' programmi ohra;

Ftit jew wisq, is-socjeta' konvenuta kellha ir-ragunijiet plawsibbli taghha sabiex ma taghmilx dawn l-erba' programmi fix-xahar ta' Frar, 2005, izda saru bi pjacir lejn is-socjeta' attrici. Mill-parti l-ohra, t-Tribunal ihoss li tajjeb jew hazin, xi tip ta' vantagg kien hemm ghas-socjeta' konvenuta b'din il-presentazzjoni, tant hu hekk li x-xhud Adrian Bajjada irrifjuta li jhalli li Ray Calleja jsajjar hu b'dan li jghaddilu r-ricetti u dan minhabba li l-iskop kollu kien li jkun hemm riklamar tar-restaurant. Fil-fehma tat-Tribunal jidher li intlahaq arrangement bejn il-partijiet li jkun hemm erba programmi ohra u ir-rizultat hu li dan il-ftehim ghandu jigi onorat ghax minnu ibbenifikaw iz-zewg partijiet.

Inoltre, fil-fehma tat-Tribunal, meta l-istess socjeta' attrici ma ppretenditix hlas tal-programmi li gew kancellati, tacitament hija accetat li kellha tort u li kien hemm raguni gustifikabbli ghall-kancellament imsemmi pero' dan ma jistax jigi estiz ghal-erba programmi in kwistjoni;

Huwa minnu ukoll, li s-socjeta' attrici giet koperta ghall-perjodu sakemm sabet "replacement."

In vista ta' dan kollu, t-Tribunal ihoss li ikun aktar ekwu u gust li s-socjeta' konvenuta thallas biss ghal nofs l-ammont dovut ghax-xahar ta' Frar, 2005 u dan jammonta ghal mija tlieta u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm153.40), flimkien mal-mitejn u sitt liri Maltin u tmenin centezmu (Lm206.80) u dan stante li fil-mori tal-kawza sar pagament ta' mitt lira (Lm100) Maltin;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici in parte, b’dana li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas is-somma ta’ tlett mija u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm360.20), bl-imghax mid-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------